KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 09

**It-Tnejn 17 ta' Frar 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 09.1 Qari tal-Apoloġiji

09.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Mifsud. Minħabba li l-attendenza tagħha ma kinitx qed tkun regolari kien hemm qbil li s-SE għandha tikkonferma jekk hemmx bzonn li tittieħed deċizjoni dwar jekk il-post tagħha għandux ikun meqjus bħala vakanti inkella le u titwassal kommunikazzjoni lill-Ministru.

## 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 08

09.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

09.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 8 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 09.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Ministru Ian Borg dwar il-pjanijiet tal-Kunsill għal Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, fejn dan aċċetta fil-prinċipju li din it-trejqa tiġi bis-sistema ta' *tidal lane*. Min-naħa tagħha, is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa mad-*Deputy Chief Officer* ta' TM fil-prezenza ta' rapprezentanti ta' IM fir-rigward tat-talba tal-Kunsill sabiex Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello tiġi fuq sistema ta' *tidal lane* fuq direzzjoni unika.Hija infurmat li din it-talba ma kienx possibbli li tintlaqa' minħabba problemi li diġà ħolqot din is-sistema fil-passat u għaldaqstant il-Kunsill ġie mitlub jagħmel konsultazzjoni mar-residenti u jiddetermina jekk minflok għandhiex issir sistema fuq direzzjoni unika madwar il-lokalità kollha. B'dan il-mod setgħu jiġu indirizzati l-*issues* tal-periklu minħabba djuq tat-triq kif ukoll li z-zona jkollha bankini aktar wesgħin u pedonali.

09.3.2 Minħabba li Triq l-Istazzjon kienet appikk li se tinfetaħ għat-traffiku, u TM kienet uriet ix-xewqa li din issir fuq direzzjoni unika ('l isfel biss), kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba u kemm-il darba Triq il-Kavallier Bonello ssir fuq direzzjoni unika wkoll, din għandha allura ssir 'il fuq biss.

09.3.3 Sadanittant, ġiet ukoll diskussa talba ta' residenta li titpoġġa *speed camera* fil-*bypass*. Il-Kunsill qabel li għandu jwassal din it-talba (veloċità massima ta' 70km/hr) lil-LESA.

09.3.4 Id-diskussjoni dwar Triq il-Kavallier Bonello tkompliet u kien hemm qbil unanimu li s-SE għandha twassal zewġ options lil TM u lil IM:

Pjan A – It-triq għandha tibqa' fiz-zewġ direzzjonijiet, titwessa l-kantuniera miz-zewġ naħat ta' fuq fejn huwa l-aktar perikoluz u jiġi ssuġġerit li ssir bankina elevata fuq il-ħajt li hemm prezenti biex isservi wkoll ta' belveder għal min ikun miexi.

Pjan B – It-triq għandha tiġi fuq sistema ta' direzzjoni unika ('il fuq biss) u għaldaqstant għandha ssir bankina wiesa' u possibbilment din għandha tibda minn Triq San David u tibqa' niezla sal-*bypass*.

09.3.5 Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-ħajt tal-bosk fl-istess triq jidher li qed jizzaqqaq ġmielu.

09.3.6 Hawnhekk is-Sindku informa li skont informazzjoni li twaslitlu, ix-xogħol fuq il-*junction* ta' Pjazza Palma u Triq il-Maltin Internati u Eziljati għandu jinbeda dalwaqt.

09.3.7 Is-Sindku staqsa dwar il-proġett ta' Ġnien is-Sinjura . Is-SE infurmat li kien tlesta d-dokument tat-tender però kellha kommunikazzjoni oħra min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar u għaldaqstant kienet waqqfet il-pubblikazzjoni tal-offerta biex tassigura li jkollha l-approvazzjonijiet kollha. Fir-rigward tal-istrutturi tal-*outdoor gym* dawn kienu nxtraw però kienet saret applikazzjoni ġdida mal-PA għall-fondi għall-materjal ta' taħthom (*rubber matting*). Għall-mistoqsija dwar ir-risposta tal-KNPD dwar l-applikazzjoni għat-taraġ fejn dawn kienu qed jinsistu li għandha ssir rampa, kien hemm qbil li s-SE għandha tara din il-problema mal-Periti tal-Kunsill.

09.3.8 Is-Sindku ssuġġerixxa li s-SE għandha tara l-possibbiltà li jsiru *CCTV cameras* fid-dħulijiet u l-ħruġijiet tal-Imtarfa. Is-SE wriet id-dubji tagħha dwar kemm dan kien possibbli minħabba ksur ta' protezzjoni tal-informazzjoni. Kien hemm qbil izda li għandha tivverifika dan kollu mad-DPO tal-Kunsill u kemm-il darba din hija legali, għandha ssir talba mal-LESA u/jew mal-pulizija.

## 09.4 Rapport dwar spejjez b'relazzjoni mal-ġemellaġġi ma' Pumpherston u Arvidsjaur

09.4.1 Is-SE għaddiet kopja tar-rapport dwar l-attivitajiet għas-sena 2019 maz-zewġ kunsilli li huma ġġemellati mal-Imtarfa.

09.4.2 Kopja tiegħu hija annessa.Il-Kunsill approva r-rapport.

09.4.3 Hawnhekk is-Sindku fakkar li għandha tiġi organizzata xi zjara mal-kunsill ta' Pumpherston sabiex il-ġemellaġġ jibqa' ħaj. Il-Kunsill qabel.

09.4.4 Hawnhekk skuza ruħu l-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-7:00pm.

## 09.5 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/005/2019 - *Finishing Works at the Visitors Centre*

09.51 Is-SE prezentat kopja tar-Rapport tal-Evalwazzjoni sabiex tiġi aġġudikata l-offerta tal-*finishes* tal-*Visitors Centre* tal-Imtarfa.

09.52 Il-Kunsill qabel mal-kontenut u r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u kien hemm qbil li l-offerta għandha tingħata liċ-*cheapest compliant tenderer*.

09.5.3 Sadanittant is-SE ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsill li matul dik il-ġimgħa, is-Sindku, hi u l-kordinatur tal-proġett kienu ltaqgħu mal-kuntrattur rebbieħ tal-offerta tad-demolizzjoni u l-kostruzzjoni tal-istess *visitors centre* (MTFLC/T/004/2019) fejn dan il-kuntrattur irrifjuta li jiffirma minħabba li ħass li l-*pre-financing guarantee*, li kienet obbligu tiegħu li jipprezenta lill-Kunsill flimkien ma' *performance guarantee*, kienet wisq għalja. Huwa kien bagħat

jinforma lill-Kunsill bil-miktub li kien qed jirtira mill-kuntratt. Din kienet qed tpoġġi lill-Kunsill f'pozizzjoni antipatka b'mod speċjali fid-dawl li kien diġà aċċetta li jagħmel ix-xogħol fuq is-sistema tal-epps u għaldaqstant issa kien hemm b zonn ta' direzzjoni biex issir xi tip ta' *reversal*. Is-SE kellha tkompli għaddejja bil-komunikazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Kuntratti u tal-Gvern Lokali sabiex tingħata gwida.

09.5.4 Sadanittant kien hemm qbil li hekk kif tissolva din il-problema, is-SE għandha tipproċedi billi tgħaddi l-offerta lit-tieni offerent, li skont ir-rapport tal-evalwazzjoni kien *compliant* ukoll.

09.5.5 Hawnhekk kien hemm qbil ukoll li għalkemm ma kienx hemm *bid bond*, is-SE kellha tara jekk kienx legali li tinzamm il-*performance guarantee* tal-kuntrattur ladarba huwa ma kienx zamm kellmtu.

## 09.6 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/006/2019 (*M&E's at Visitors Centre*)

09.6.1 Is-SE infurmat li ma kinitx għadha saret l-evalwazzjoni tal-offerta u għaldaqstant dan l-*item* kien se jerġa' jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

## 09.7 Jum l-Imtarfa

09.7.1 Is-SE staqsiet lill-Kunsill jekk għandhiex tmexxi fuq l-istess linji tas-soltu, inkluz il-premijiet, fid-dawl li trid tibgħat l-ittri lir-residenti għan-nomini.

09.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa apposta u ssir diskussjoni biex fejn hemm bzonn isiru tibdiliet fl-attività.

09.7.3 Sadanittant is-SE se tieħu ħsieb tibgħat l-ittra għan-nomini lir-residenti kollha.

## 09.8 Stima dwar ħsarat fis-sistema tal-elettriku bejn l-eks *barracks*

09.8.1 Is-SE infurmat li l-enġinier ma laħħaqx ikkonkluda l-istima tas-sistema tal-elettriku u għaldaqstant kienet se tgħaddiha lill-Kunsill hekk kif tirċeviha. Hija infurmat li meta marret fuq il-post mal-enginier u l-kuntrattur dawn kienu ssuġġerew li l-aħjar li jsir kien li jiġu installati dwal fuq *arms* mar-residenzi u uħud mill-*floodlights* jibqgħu fil-post jagħtu għal fuq iz-zona tan-nofs biex sew it-toroq kif ukoll il-*common area* tan-nofs ikunu mixgħula. Aktar 'il quddiem, il-Kunsill jista' jaħseb f'xi proġett li jinkludi dawl arkitettoniku ġdid fil-*common area* u jitneħħew il-*floodlights*. Hija infurmat li fid-dawl ta' dan kollu hija wkoll l-aktar sistema ekonomika li nistgħu mmorru għaliha.

09.8.2 Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' dan kollu. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika mal-kuntrattur jekk il-*floodlights* jistgħux jagħmlulhom xi film isfar biex titnaqqas ftit mill-qawwa.

09.8.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil ukoll li l-enġinier għandu jgħaddi stima bl-*arms* li jkunu fuq stil *vintage*, ta' *old english street lamps*.

## 09.9 Kwotazzjoni dwar permess għal *zebra crossing* fi Triq l-Imtarfa

09.9.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet stima waħda minn zewġ kuntratturi li ġew avviċinati minħabba z-*zebra crossing*. Din kienet titla' għal €4495.80. Minħabba li TM kienu nnutaw li skont traffic kif ukoll pedestrian count li saru jidher li m'hemmx bzonn la ta' *zebra crossing* u wisq aktar ta' *pedestrian crossing*, il-Kunsill iddeċieda li minflok għandhom jinġabu kwotazzjonijiet għal *rumble strips* sabiex għallanqas ikun hemm xi mizura kontra s-sewqan eċċessiv.

## 09.10 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

09.10.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud m'attendietx għal-laqgħa, ma kienx hemm x'jiġi rrappurtat.

## 09.11 Punti Oħra

09.11.1 Is-Sindku informa li l-Kunsillier Mifsud xtaq li jkun hemm sottokumitat għall-manutenzjoni u zamma tajba fil-lokal. Ma kienx hemm oġġezzjoni u għaldaqstant is-SE se tieħu ħsieb tagħmel avviz.

09.11.2 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kinitx ivverifikat dwar it-talba tal-Imtarfa Drama Group sabiex isir xi dawl biswit il-garaxx. Is-SE infurmat li diġà kien hemm bozza fit-triq u għaldaqstant ma kienx hemm wisq x'jista' jsir min-naħa tal-Kunsill. Hija ssuġġerit li dawn jagħmlu pannella solari fuq il-bejt biex jagħtu dawl għal quddiemhom temporanjament.

09.11.3 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill minħabba li l-laqgħa kienet waslet fit-tmiem tat-tielet siegħa. Il-Kunsill qabel li jkompli.

09.11.4 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li kellha talba biex issir rampa minn Binja Buqana Blokka C għal fuq il-bankina. Is-SE għandha tieħu xi ritratti u tibgħat it-talba lill-awtoritajiet.

09.11.5 Is-SE u l-Kunsillier Sammut Dimech kienu ltaqgħu mas-Sur Vince Zammit, storiku, fejn kienu ġew diskussi diversi affarijiet, fosthom il-filmat għall-*Visitors Centre*, il-*heritage trail*, ktieb bl-informazzjoni storika dwar l-Imtarfa kif ukoll mixtjiet li jibdew jew jispiċċaw fl-Imtarfa. Min-naħa tas-Sur Zammit diġà kien għamel ukoll kuntatt mal-MTA dwar il-mixjiet. Is-SE infurmat li kienet bdiet tifformula ittra lill-Ministru responsabbli mit-Turizmu dwar il-filmat. Min-naħa l-oħra, is-Sindku informa li qabel tintbagħat l-ittra għandhom jinġabu kwotazzjonijiet u jsir studju aktar fid-dettall dwar x'jixtieq il-Kunsill. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa dwar dan biex jiġi prezentat rapport flimkien mal-ittra.

09.11.6 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sammut Dimech kien hemm qbil li għandha ssir ħarġa kulturali nhar l-14 ta' April għall-Palazz ta' San Anton. Il-Kunsillier Mifsud Dimech kienet se tgħaddi aktar informazzjoni lis-SE sabiex isiru l-avvizi neċessarji.

09.11.7 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li t-Tlieta li ġej kienet se tinzamm it-tieni sessjoni tal-attività tal-*Virtual Reality* bl-apparat il-ġdid li nxtara fil-Librerija tal-Imtarfa.

09.11.8 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Arċikonfraternità ta' San Ġuzepp dwar ħruq ta' nar bejn il-pont u l-*bypass*. Dan kien ifisser li l-lok fejn is-soltu jsir il-ħruq tan-nar inbidel u li l-*bypass* kienet se tingħalaq aktar minn darba minħabba l-periklu tal-isplussivi. Il-Kunsill qabel li minbarra jrid ikun hemm in-*no objection* tat-tliet Kunsilli għall-ħruq fil-parti l-gdida; ikun hemm garanzija li ma ssir ebda ħsara lill-istruttura tal-pont; approvazzjoni tal-pulizija u permessi għall-awtoritajiet kolha konċernati. Kien hemm ukoll qbil li l-polza tal-assikurazzjoni għandha tkopri kemm l-istruttura tal-pont kif ukoll lil terzi.

09.11.9 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand l-*accountant* sabiex tizdied ir-rata fix-xahar għal €300 (eskluz il-VAT). Il-Kunsill qabel.

09.11.10 Is-SE infurmat li kienet irċeviet stima għal €6786.54 sabiex isiru xi tiswijiet fuq il-lift komuni li hemm fil-binja. Il-Kunsill kien obbligat li jħallas 50% filwaqt li l-kumplament jinħarġu mill-Aġenzija Sapport. Il-Kunsill qabel li ssir il-manutenzjoni neċessarja sabiex dawk il-persuni li juzaw il-lift ikunu *safe*.

## 09.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

09.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 09.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

09.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 ta' Marzu fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Marzu 2020.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv